**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 224**

It-Tnejn, 25 ta’ Marzu 2024

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fl-4.03 p.m.

Id-Deputy Sspeaker, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Anton Refalo u s-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Ryan Callus u l-Onor. Chris Said kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

Is-Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika l-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Cressida Galea*, l-Onor. Joe Giglio u l-Onor. Romilda Zarb kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir l-Onor. Miriam Dalli, il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali l-Onor. Alison Zerafa Civelli, l-Onor. Aaron Farrugia, ~~l-Onor. Cressida Galea~~* u l-Onor. Stephen Spiteri kienu assenti.

** Vide Minuti tas-Seduta 230 – 15.04.2024*

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta 223 li saret fl-20 ta’ Marzu 2024 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MIS-SEDJA**

Id-Deputy Speaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3400 Korrispondenza mibgħuta lis-Sedja mill-Ombudsman a tenur tal-Artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman fuq investigazzjoni dwar żewġ ilmenti minn uffiċjali pubbliċi detailed mal-Joint Office li talbu lill-Awtorità tal-Artijiet pre-retirement leave, bir-referenza OMB-22-3333 u OMB-23-3696 flimkien mal-opinjonijiet finali dwar dawn l-ilmenti, datati 11 ta’ Jannar 2024; u

P.L. 3401 Rapport maħruġ mill-Kummissjoni Ewropea fil-21 ta' Marzu 2024 bl-isem *L-UE fl-2023 – Rapport Ġenerali dwar l-Attivitajiet tal-Unjoni Ewropea*.

**MISTOQSIJIET**

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba orali.

Bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17055, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3402 Tagħrif dwar investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal fuq inizjattiva tal-istess Uffiċċju bejn l-2013 u l-2022.

Fl-4.31 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 17055 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3403 Tabella li turi n-numru ta' persuni li kienu qed jirċievu l-Assistenza għal Diżabilità Severa (SDA) fis-snin bejn l-2013 u Frar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17350.

Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, l-Onor. Byron Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3404 Estimi finanzjarji ta' Jobsplus għas-sena 2024; u

P.L. 3405 Rapport annwali u stqarrijiet finanzjarji ta' Jobsplus għas-sena 2023.

Il-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3406 Informazzjoni dwar in-numru ta' infermiera impjegati fid-dekasteru tal-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, maqsuma skont il-grad u l-post fejn jaħdmu, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17521;

P.L. 3407 Informazzjoni dwar kif saret in-nefqa fuq promozzjoni għas-saħħa mentali matul l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17571;

P.L. 3408 Tagħrif dwar Deputati tal-Gvern li bejn Diċembru 2014 u Frar 2024 kienu membri ta' bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru li għalih hu responsabbli l-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17575;

P.L. 3409 Dokumenti relatati mal-permess għall-bini ta' Outpatients Block fl-Isptar Mater Dei datat 10 ta' Marzu 2021, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17654;

f'isem il-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3410 Dettalji dwar in-nefqa tal-Enemed fuq marketing u reklamar, maqsuma skont it-tip ta' reklamar u l-kumpannija li ssupplixxiet is-servizz, għas-snin bejn l-2015 u l-2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17570;

PL. 3411 Tabella li tagħti informazzjoni dwar permessi operattivi maħruġin mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) għall-faċilitajiet tal-WasteServ, maqsuma skont il-faċilità, bi tweġiba għall-mistoqsija, parlamentari numru 17597;

f'isem il-Ministru għall-Finanzi qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3412 Rapport annwali u Statement of Accounts tal-Kunsill Fiskali Konsultattiv Malti (MFAC) għas-sena 2023;

f'isem il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3413 Malta's National Research and Innovation Strategic Plan 2023-2027 maħruġ mill-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST) u l-Ministeru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17648;

f'isem il-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3414 Dokumenti marbuta ma' tender pubbliku dwar għoti b'ċens perpetwu revedibbli ta' żewġ siti li jiffurmaw parti minn fond fi Triq Ta' Wara s-Sur, ir-Rabat Għawdex, maħruġ mill-Awtorità tal-Artijiet fis-26 ta' Jannar 2024, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 17640;

f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3415 Avviż Legali Nru 72 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 dwar Validazzjoni ta' Atti Nutarili ppubblikati qabel l-1 ta' Jannar 2012;

f'isem il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi, l-Onor. Chris Bonett, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3416 Avviż Legali Nru 73 tal-2024 – Merchant Shipping (Monitoring, Reporting and Verification of Carbon Dioxide Emissions from Maritime Transport) (Amendment) Regulations, 2024; u

P.L. 3417 Avviż Legali Nru 74 tal-2024 – Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq.

## STQARRIJA MINISTERJALI

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, għamel stqarrija ministerjali dwar l-eżitu tal-Kunsill Ewropew Straordinarju li ltaqa' fi Brussell fil-21 u t-22 ta' Marzu 2024.

Il-Prim Ministru qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 3418 Konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Kunsill Ewropew li nżammet fi Brussell fil-21 u t-22 ta' Marzu 2024 (EUCO 7/24); u

P.L. 3419 Dikjarazzjoni maħruġa wara l-laqgħa tal-Euro Summit li saret fi Brussell fit-22 ta' Marzu 2024 (EURO 502/24).

Fid-diskussjoni ħadu sehem ukoll il-Kap tal-Oppożizzjoni l-Onor. Bernard Grech u l-Onor. Beppe Fenech Adami.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ATT DWAR L-ELEZZJONIJIET ĠENERALI – ABBOZZ NRU 93**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, ippropona t-Tieni Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.

L-Onor. Naomi Cachia ssekondat.

Il-Whip tal-Gvern, l-Onor. Naomi Cachia, informat lill-Kamra li bi qbil mal-Oppożizzjoni, dan l-Abbozz ta' Liġi kellu jgħaddi mill-istadji kollha tiegħu f'din is-seduta.

Il-Whip tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Robert Cutajar, ikkonferma dan il-ftehim.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Michael Falzon u l-Onor. Karol Aquilina.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354" inqara t-tieni darba.

Id-Deputy Speaker avża li skont il-ftehim ivverbalizzat aktar kmieni, l-istadju ta' Kumitat ta' dan l-Abbozz ta' Liġi kien se jsir fil-Kamra.

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker ippreseda.

**KLAWSOLI 2 u 1, u t-TITOLU** għaddew nem. con u kienu ordnati jsiru parti mill-Abbozz ta' Liġi.

Fuq mozzjoni tal-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Kumitat qabel li jawtorizza lill-Iskrivan tal-Kamra biex jikkoreġi xi żbalji tal-ortografija, jagħmel ir-rinumerazzjoni meħtieġa u xi emendi żgħar li jista' jkun hemm bżonn.

Il-Kumitat qabel ukoll li l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal għandu jirrapporta lill-Kamra li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354" għadda mill-istadju tal-Kumitat mingħajr emendi.

Fil-5.40 p.m. il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal irrapporta li l-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali - Abbozz 93 - kien għadda mill-istadju tal-Kumitat mingħajr emendi.

Skont ftehim milħuq il-Kamra għaddiet għall-istadju tat-Tielet Qari ta' dan l-Abbozz ta' Liġi.

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, f'isem il-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni, ippropona t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali.

L-Onor. Karol Aquilina ssekonda.

Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda l-Att dwar l-Elezzjonijiet Ġenerali, Kap. 354" inqara t-Tielet darba u għadda.

Fil-5.42 p.m. il-Kamra qablet li l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol ikun dak il-ħin u li jitressaq l-aġġornament.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, l-Onor. Michael Falzon, ippropona l-Aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu 2024, fil-5.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

| | |
|---|---|
| Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi | Tielet Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar Kunsill għall-Maltin li Jgħixu Barra minn Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali | Tielet Qari |

Jew xi aġenda oħra li tista’ tiġi kkomunikata aktar tard

----

| | |
|---|---|
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar il-Professjoni tax-Xogħol Soċjali | Kumitat Permanenti |
| Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali | Kumitat Permanenti |

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni, mill-Onor. Paula Mifsud Bonnici u l-Onor. Jerome Caruana Cilia.

Fis-6.15 p.m. id-Deputy Speaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 27 ta’ Marzu 2024, fil-5.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal.

**ELEANOR SCERRI**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**